**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2023/2028(INI)**

20.9.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2022 u l-2023
(2023/2028(INI))

Rapporteur għal opinjoni: François Alfonsi



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-progress li sar fin-negozjati għall-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), kif jirrikjedi t-Trattat ta' Liżbona, u l-ftehim proviżorju reċenti li ntlaħaq dwar l-abbozz tal-istrumenti ta' adeżjoni riveduti; jesiġi li l-adeżjoni tiġi ffinalizzata mill-aktar fis sabiex il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa jiġi kkonsolidat u jsir aktar koerenti billi l-istituzzjonijiet Ewropej kollha jkunu soġġetti għall-awtorità tal-KEDB u billi l-individwi jkunu jistgħu jressqu każijiet kontra l-Unjoni direttament quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jitlob ukoll li l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji;

2. Jitlob li l-adeżjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha mal-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tiġi ffinalizzata, bħall-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattamenti jew Pieni Inumani jew Degradanti, il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni, kif ukoll il-Karta Soċjali Ewropea u l-Konvenzjoni ta' Istanbul; jitlob li l-korpi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha jrawmu kooperazzjoni komprensiva u kostruttiva mal-Kunsill tal-Ewropa bl-għan li jsaħħu r-responsabbiltajiet tagħhom ħalli jiggarantixxu s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali;

3. Jisħaq fuq l-importanza tal-Konvenzjoni ta' Istanbul għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u għall-ġlieda kontra l-vjolenza u kontra l-vjolenza domestika u jistieden lis-sitt Stati Membri li għadhom ma rratifikawhiex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien;

4. Jitlob li r-rwol ewlieni tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jissaħħaħ, inkluż billi jitwessgħu l-kompiti u s-setgħat tagħha biex tippromwovi u tipproteġi aktar id-drittijiet fundamentali madwar l-UE;

5. Jisħaq fuq ir-rwol tal-Istati Membri fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-livelli tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali, tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali u tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, fl-iżgurar tal-applikazzjoni sħiħa tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (il-Karta) meta jimplimentaw id-dritt tal-UE; ifakkar li l-FRA jeħtiġilha tingħata biżżejjed kapaċitajiet u r-riżorsi sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha skont il-mandat imġedded tagħha;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurmaw aktar lill-atturi tas-soċjetà ċivili u jinvolvuhom aktar fl-implimentazzjoni tal-Karta; ifakkar li, skont ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022 tal-FRA, għad hemm lok għal titjib f'dak li jirrigwarda l-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-livell lokali; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi ggarantit li d-drittijiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta jitqiesu b'mod korrett f'kull pass tal-proċess leġiżlattiv tal-UE u li l-implimentazzjoni tad-drittijiet kollha minquxa fiha tiġi mmonitorjata fil-livelli kollha ta' governanza; jisħaq li l-UE

jeħtiġilha wkoll tipprijoritizza l-edukazzjoni u l-għarfien taċ-ċittadini tagħha dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom u tiżgura li jkunu infurmati tajjeb u jingħataw is-setgħa li jeżerċitaw dawn id-drittijiet;

7. Jieħu nota tar-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa tas-6 ta' Ottubru 2022 intitolat "Freedom of political speech: an imperative for democracy" (Il-libertà tad-diskors politiku: ħtieġa imperattiva għad-demokrazija); jisħaq li l-libertà tal-espressjoni fl-UE ma tridx tkun limitata mill-interessi, il-qafas kostituzzjonali jew l-għażliet politiċi ta' Stat Membru; jisħaq fuq l-importanza tal-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-espressjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza effettiva tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali mill-gvernijiet; jikkundanna bil-qawwa l-indħil mhux ġustifikat u sproporzjonat minn dawn l-awtoritajiet fl-espressjoni ġurnalistika u fid-deċiżjonijiet editorjali f'xi Stati Membri; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta għal att Ewropew dwar il-libertà tal-midja u jitlob li tiġi approvata malajr;

8. Jieħu nota tar-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ġunju 2022 intitolat "Pegasus spyware and its impacts on human rights" (Is-software ta' spjunaġġ Pegasus u l-impatti tiegħu fuq id-drittijiet tal-bniedem); jesprimi tħassib serju dwar il-konklużjoni tiegħu li s-software ta' spjunaġġ Pegasus għandu jew potenzjalment jista' jkollu effetti detrimentali fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt għad-dinjità, il-libertà tal-għaqda, il-libertà tar-reliġjon, u anke l-integrità fiżika u psikoloġika tal-individwu; jitlob li l-Istati Membri jwaqqfu immedjatament l-użu tas-software ta' spjunaġġ Pegasus;

9. Jieħu nota tal-opinjonijiet, ir-rapporti u l-istudji tal-Kummissjoni ta' Venezja; jitlob li dawn jiġu osservati u li jingħataw segwitu xieraq;

10. Jieħu nota tar-rapporti tal-OSKE/ODIHR dwar l-osservazzjonijiet elettorali fl-Istati parteċipanti tal-UE;

11. Jiddispjaċih li d-drittijiet fundamentali u l-istatus ta' residenza taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit ġew affettwati serjament mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; jisħaq li l-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq huwa prerekwiżit għal relazzjoni bla xkiel bejn l-UE u r-Renju Unit; jitlob li l-Gvern tar-Renju Unit u l-Istati Membri kollha jiggarantixxu l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit kif stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Qafas ta' Windsor, kif ukoll dawk minquxa fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira;

12. Iqis li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tqiegħed lill-UE f'sitwazzjoni ġdida, jiġifieri dik ta' tkabbir prospettiv biex tinkludi l-Ukrajna, il-Moldova, il-Georgia u l-Balkani tal-Punent, bil-kriterji ta' Copenhagen bħala bażi fundamentali, b'mod partikolari l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-ħarsien tagħhom;

13. Jitlob li l-Istati Membri jittrattaw lill-persuni kollha li jfittxu rifuġju mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja b'umanità u solidarjetà f'konformità mal-liġijiet u l-ftehimiet internazzjonali applikabbli; jitlob, f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari rigward ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fin-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil;

14. Jilqa’ l-adozzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt mill-Kummissjoni u konsegwentement il-pubblikazzjoni annwali tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt mill-2020 ’il quddiem; jikkundanna bil-qawwa l-ksur gravi tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi wħud mill-Istati Membri għad-detriment tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jesprimi t-tħassib serju tiegħu, b’mod partikolari, dwar deċiżjonijiet li jqajmu dubji dwar il-primazija tad-dritt tal-UE u jitlob li l-Kummissjoni tieħu pożizzjoni soda ħafna kontra l-attakki persistenti f’ċerti Stati Membri kontra l-istat tad-dritt jew kwalunkwe wieħed mill-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, billi tuża l-għodod kollha disponibbli; jilqa’ r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2023 imwettaq mill-Kummissjoni u speċjalment il-ġabra ta’ rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u kwistjonijiet istituzzjonali relatati mal-kontrokontrolli; itenni l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u t-talba tiegħu għal ftehim interistituzzjonali dwar mekkaniżmu ġdid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jisħaq li, fir-reviżjoni li jmiss tat-Trattati, l-Artikolu 7 tat-TUE jeħtieġ li jiġi riformat u msaħħaħ biex jiġu żgurati l-applikabbiltà u l-effettività tiegħu;

15. Jissuġġerixxi li r-rispett għall-istat tad-dritt ma għandux ikun biss prekundizzjoni għall-adeżjoni ta’ Stati Membri ġodda, iżda obbligu vinkolanti u infurzabbli fuq l-Istati Membri kollha, li għandu jiġi mmonitorjat matul is-sħubija kollha tagħhom fl-UE[1];

16. Jitlob li jinħolqu konferenzi annwali dwar l-istat tad-dritt wara r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni, b’delegazzjonijiet mill-Istati Membri kollha, li jinvolvu għażla varjata u aleatorja ta’ ċittadini, membri parlamentari, awtoritajiet lokali, sħab soċjali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, abbażi tal-proposta mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;

17. Jiddeplora l-iskandli reċenti li tebbgħu l-immaġni tal-UE, bħall-iskandlu tal-korruzzjoni Qatargate u l-ispjunaġġ tal-Istat bl-użu ta’ Pegasus, b’xi Membri tal-PE fil-mira; jitlob li r-reperkussjonijiet kollha ta’ dawn l-iskandli jiġu indirizzati fil-fond, bil-għan li jiġu rrestawrati bis-sħiħ ir-reputazzjoni u l-kredibbiltà tal-Parlament sabiex tiġi ppreservata l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej;

18. Jilqa’, fid-dawl ta’ dan, l-adozzjoni tal-emendi għar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament Ewropew li għandhom l-għan li jsaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà tiegħu;

19. Jilqa’ l-ħidma tal-kumitat ta’ inkjesta mwaqqaf fil-Parlament Ewropew (PEGA) biex jinvestiga dwar il-liġijiet nazzjonali eżistenti li jirregolaw is-sorveljanza u jistabbilixxi jekk ikunx intuża software ta’ spjunaġġ għal skopijiet politiċi kontra, pereżempju, ġurnalisti, politiċi jew avukati; jisħaq li l-użu illeġittimu ta’ software ta’ spjunaġġ mill-gvernijiet nazzjonali jikkomprometti d-demokrazija Ewropea u l-proċessi Ewropej tat-teħid ta’ deċiżjonijiet; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fl-Istati Membri rigward il-liġijiet li jirregolaw is-sorveljanza sabiex jiġi evitat li jitfaċċja xi skandlu ġdid ta’ sorveljanza tal-massa;

20. Jinsab ixxukkjat u jesprimi tħassib serju fil-konfront tas-sejbiet tar-rapport tal-Uffiċċju

[1] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE. ĠU C 449, 23.12.2020, p. 28.

Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) dwar l-attivitajiet operattivi tal-Frontex fil-Greċja u n-nuqqas sfaċċat ta' kunsiderazzjoni mill-Aġenzija għall-ħajja tal-migranti u l-ksur attiv tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

21. Jitlob politika proattiva ta' aċċess għad-dokumenti, integrità u trasparenza mill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jiskrutinizzaw il-ħidma u l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE;

22. Jissottolinja, f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE, l-Artikolu 67(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Karta, li ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tad-dritt għal ħarsien legali effettiv; jirrakkomanda li jiġi abbandunat l-approċċ eżistenti li l-każijiet tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi individwali jiġu indirizzati b'mod *ad hoc*, u jitlob li jiġu żviluppati kriterji u valutazzjonijiet kuntestwali bħala gwida għall-Istati Membri biex jirrikonoxxu u jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni possibbli tal-istat tad-dritt b'mod regolari u komparattiv;

23. Jisħaq li l-istat tad-dritt huwa intrinsikament marbut mar-rispett għad-demokrazija u għad-drittijiet fundamentali u li għalhekk it-tliet prinċipji jridu jiġu mmonitorjati b'mod konġunt.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 20.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Włodzimierz Cimoszewicz, Ana Collado Jiménez, Gwendoline Delbos-Corfield, Salvatore De Meo, Daniel Freund, Charles Goerens, Sandro Gozi, Zdzisław Krasnodębski, Jaak Madison, Victor Negrescu, Max Orville, Paulo Rangel, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Loránt Vincze, Rainer Wieland |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Vladimír Bilčík, Mercedes Bresso, Pascal Durand, Alin Mituța |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sara Skyttedal |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 21 | + |
|---|---|
| PPE | Vladimír Bilčík, Ana Collado Jiménez, Salvatore De Meo, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Loránt Vincze, Rainer Wieland |
| Renew | Charles Goerens, Sandro Gozi, Alin Mituța, Max Orville |
| S&D | Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Pascal Durand, Victor Negrescu, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira |
| The Left | Helmut Scholz |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Zdzisław Krasnodębski, Jacek Saryusz-Wolski |
| ID | Jaak Madison |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni